



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 28 ta' Mejju 2021
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0006(COD)

9088/21
ADD 1

CODEC 750
COH 7
CADREFIN 260
SOC 344
ENER 229
ENV 366

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (I-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv = Dikjarazzjonijiet

Dikjarazzjoni mill-Bulgarija

Ir-Repubblika tal-Bulgarija tifhem li r-rappurtar dwar l-indikaturi komuni fl-Annessi I u II għar-Regolament dwar il-Fond Soċjali Ewropew Plus u fl-Anness III għar-Regolament dwar il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta permezz tal-użu tal-kategorija "persuna mhux binarja", bħala mhux obbligatorju. Ir-Repubblika tal-Bulgarija ma għandhiex l-intenzjoni li tiġbor data rilevanti u tirrapporta dwarha, peress li din il-kategorija ma teżistix fil-leġislazzjoni nazzjonali tagħha.

Dikjarazzjoni mill-Ungerija

Il-proċedura lejn l-adozzjoni tar-regolamenti tal-Politika ta' Koeżjoni laħqet pass importanti ieħor. L-Ungerija tqis li jenħtiegħ li ttenni d-dikjarazzjoni preċedenti tagħha dwar ir-rappreżentazzjoni u l-interpretazzjoni tal-ġeneru f'dawn ir-regolamenti.

L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-trattati tal-Unjoni Ewropea bħala dritt fundamentali. L-Ungerija tiżgura l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fi ħdan il-qafas tas-sistema legali nazzjonali tagħha f'konformità mal-istrumenti tad-drittijiet tal-bniedem li huma vinkolanti fil-livell internazzjonali u fi ħdan il-qafas tal-valuri u l-prinċipji fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Għal dawn ir-raġunijiet l-Ungerija tinterpreta l-kunċett ta' "ġeneru" bħala referenza għas-sess, f'konformità mal-Artikolu 8, 10, 19 u 157 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 21 u 23 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Barra minn hekk, l-Ungerija hija konvinta li l-kontenut tal-ġeneru mhuwiex adatt biex jiġi definit f'dawn id-dokumenti leġiżlattivi.

F'konformità ma' dan u mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta l-kunċett ta' "ġeneru" bħala referenza għas-"sess" u l-kunċett ta' "ugwaljanza bejn il-ġeneri" bħala referenza għall-"ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa" fir-Regolamenti. Fir-rigward tal-analiżi tad-data, l-Ungerija temmen li n-nota 2 f'qiegħ il-paġna fl-Anness III tar-Regolament dwar il-JTF (kif ukoll l-ewwel linja tal-Anness I u l-Anness II rispettivament tar-Regolament FSE+) jenħtiegħ li tiġi applikata u tirreferi għat-terminu "ġeneru" u l-parentesi fl-intier tagħha u mhux biss waħda mis-subkategoriji elenkati hemmhekk.

B'kont meħud tal-fatt li d-determinazzjoni tal-kontenut tat-terminu "ġeneru" taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Istati Membri, il-premessi, l-artikoli, l-annessi u n-noti f'qiegħ il-paġna rilevanti għandhom jinftiehem bħala li jirreferu għat-terminu ġeneru interpretat f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali.

Dikjarazzjoni mill-Polonja

L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-trattati tal-Unjoni Ewropea bħala dritt fundamentali. Il-Polonja tiżgura l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-qafas tas-sistema legali nazzjonali Pollakka f'konformità mal-istrumenti tad-drittijiet tal-bniedem li huma vinkolanti fil-livell internazzjonali u fil-qafas tal-valuri u l-prinċipji fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Għal dawn ir-raġunijiet, f'formulazzjonijiet li jirreferu għall-ġeneru, il-Polonja ser tinterpretah bħala l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, f'konformità mal-Artikolu 8 TFUE.
